**152. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Alfred Sant u l-Onor. Tony Nicholl ipproponew li:-**

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti

Waqt li taqbel li t-tmexxija tas-sistema korrettiva fil-pajjiż, speċjalment il-ħabs ta' Kordin, għandha tkun waħda serja, dixxiplinata u umana, li tħares lis-soċjetà minn kull abbuż;

Wara li:

Semgħet bir-rapporti dwar kif it-tmexxija preżenti fil-ħabs ta' Kordin hi nieqsa mis-serjetà u wasslet biex fil-ħabs jikber in-nuqqas ta' sigurtà u biex jiżdied it-traffikar tad-droga fl-intern stess tal-ħabs, hekk li żdied il-periklu li min jintbagħat jiskonta sentenza fil-ħabs, jispiċċa maqbud aktar fit-tnalja tal-kriminalità;

Ikkonsidrat kif il-Ministru tal-Intern u l-Iżvilupp Soċjali l-Onor Dottor Louis Galea baqa' ma tax spjegi u informazzjoni kredibbli dwar it-tmexxija tal-ħabs ta' Kordin, u pprefera minflok li jibni sħaba ta' pubbliċità dwar l-operat tal-Ministeru tiegħu u s-suppost riformi li dan qiegħed iwettaq;

Innotat kif minkejja li l-Onor Dottor Louis Galea jiftaħar bit-trasparenza fir-riformi li skont hu, jinsabu għaddejja fil-ħabs, baqa' jirrifjuta li jippubblika r-rapport tal-Imħallef Maurice Caruana Curran bi proposti għal riformi fil-ħabs, li ġie ppreżentat lilu fis-sajf tas-sena 1993;

Innotat l-attendenza tal-Onor Ministru Dottor Louis Galea f'tieġ li sar fil-ħabs bħala parti mill-kampanja pubbliċitarja favur l-operat tal-Ministeru tiegħu, liema attendenza xejn ma kienet denja ta' tmexxija responsabbli u mill-fatti li rriżultaw wara, serviet biex tkompli tiskredita s-serjetà ta' tmexxija fil-ħabs ta' Kordin;

Innotat li ma ttieħdux passi min-naħa tal-Gvern biex tintlaqa' t-talba li saret għal inkjesta parlamentari dwar it-tmexxija preżenti tal-ħabs;

Għalhekk din il-Kamra tar-Rappreżentati:

Tikkundanna l-operat tal-Onor Ministru Galea fil-qasam tas-servizzi korrettivi u l-mod kif baqa' ma tax spjega serja għall-aġir tiegħu u lanqas offra r-riżenja tiegħu;

Tikkonferma li ma għandhiex fiduċja fl-Onor Ministru tal-Intern u Żvilupp Soċjali; u

Taqbel li l-Prim Ministru l-Onor Dott. E Fenech Adami għandu minnufih ineħħi lill-Onor Dott. Louis Galea mill-kariga ministerjali tiegħu.

18.04.1994